# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 77

IT-TIENI LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 77

It-Tlieta 6 ta' Diċembru 2016

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Paul Radmilli – Kunsillier Tas-Sliema
Is-Sur Conrad Borg Manche – Sindku Gżira
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Andre Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pieta'

ASSENTI
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

Is-Sur Michael Fenech Adami ssospenda l-laqgħa sabiex id-Dott. Susanne Piscopo flimkien mas-Sur Roger Mamo jagħtu preżentazzjoni ta' tagħrif dwar il-kors 'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar'.

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irringrazzja lid-Dott. Piscopo u ħeġġeg lill-Kunsilli Lokali sabiex jingħaqdu flimkien u jagħtu l-għajnuna tagħħom sabiex jitħejja dan il-programm fil-lokalitajiet tagħhom.

## 77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

77.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sinjura Magda Magri Naudi; tas-Sur Keith Tanti, tas-Sur Stefan Cordina u tas-Sur Stephen Sultana u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

## 77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

77.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 76 li saret nhar it-Tlieta 8 ta' Novembru 2016 kienu meħuda bħala moqrija.

77.2.2 Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, xtaq jikkjarifika żewġ punti mill-minuti.

77.2.3 Is-Sur Radmilli spjega li dwar punt 76.3.5 mill-minuti, ir-Reġjun ma kienx qabel li għandu jipproċedi bl-iffirmar tat-tender sabiex jiġi estiż għal perjodu ta' sena.

77.2.4 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li fl-aħħar laqgħa kien hemm qbil li l-kuntratt jiġi estiż diment li jkun hemm klawsola li tgħid li dan ir-Reġjun mhux ser ikun responsabbli ġaladarba jkun hemm *liability*.

77.2.5 Huwa qara l-korrispondenza li kien hemm bejn is-Segretarju Eżekuttiv u d-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard fejn ser jiġi ippreparat kuntratt ġdid bil-kundizzjoni mitluba minn dan ir-Reġjun u kif dan ikun lest, l-abbozz ser jintbagħat għall-kunsiderazzjoni tal-Kumitat Reġjonali.

77.2.6 Għal din ir-raġuni, il-membri preżenti qablu li kif dan l-abbozz jiġi għand ir-Reġjun, l-abbozz għandu jingħata lill-avukat għal parir legali qabel ma dan jiġi approvat.

77.2.7 Is-Sur Paul Radmilli xtaq kjarifikazzjoni fuq il-punt numru 76.7.12 mill-minuti. Huwa xtaq konferma li r-Reġjun ser iħallas l-ispiża globali ta' kull Kunsill.

77.2.8 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li qed tieħu parir mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan il-ftehim peress li l-ammont globali jaqbeż il-*procurement limit* filwaqt li kkonfermat li l-qbil kien li r-Reġjun iħallas l-ammont globali.

77.2.9 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, u sekondati mis-Sindku tal-Iklin, is-Sur Anthony Dalli.

## 77.3 Komunikazzjoni mill-President

77.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda e-mail mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija fejn talbu lill-membri preżenti japprovaw is-somma ta' €1,970.60 sabiex isiru xogħlijiet fil-Ġnien Ċentru Rekreattiv.

77.3.2 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

77.3.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda e-mail mingħand il-Prosekutur tat-Tribunal, Dott. Richard Sladden, dwar żball fl-*invoices* li jammontaw għal €6,913.26.

77.3.4 Wara li saret diskussjoni dwar din it-talba, il-membri preżenti qablu li dan il-ħlas għandu jsir.

77.3.5 Għal din ir-raġuni, Dott. Sladden għandu jibgħat *invoice* uffiċċjali lir-Reġjun sabiex dan jiġi inkluż fl-iskeda ta' ħlasijiet tal-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 77.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

77.4.1 Il-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, għadda suġġeriment dwar is-sejħa li nħarġet riċentament mir-Reġjun (*Tender for the Service of Completion of a Regional Economic, Social and Cultural Community (ESC Plan))*. Huwa esprima li r-Reġjun għandu jiltaqa' mal-kuntrattur li rebaħ din is-sejħa sabiex isiru diskussjonijiet qabel mar-rapport ikun iffinalizzat.

77.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv, ħadet nota ta' dan is-suġġeriment.

## 77.5 Rapporti

77.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri dwar laqgħa li saret nhar it-Tlieta 29 ta' Novembru 2016 fejn kien hemm preżenti hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Accountant ta' dan ir-Reġjun.

76.5.2 Is-Sur Fenech Adami spjega li għalkemm dan ir-Reġjun qatt ma kellu allokazzjoni, xorta waħda għandu jitħejja dan id-dokument.

76.5.3 Dan il-Budget ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa li ġejja.

## 77.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun Ċentru li jkunu meħtieġa

77.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri dwar siġġu miksur li kellu jiġi mormi u għal din ir-raġuni dan ser jitneħħa mill-*Fixed Assets Register.*

77.6.2 Il-President, informa lill-membri preżenti dwar komunikazzjoni fuq talba ta' direzzjoni li saret mad-DLG dwar il-kirjiet skaduti ta' uffiċċini li għandu dan ir-Reġjun.

77.6.3 Is-Sur Fenech Adami spjega li peress li l-uffiċċju tat-Tribunal huwa bini pubbliku, dan ikollu bżonn l-approvazzjoni tal-LESA kif ukoll tal-Ministru u t-tibdil ma jistax isir b'mod immedjat peress li s-seduti jkunu diġà maħruġa bil-quddiem.

77.6.4 Għal din ir-raġuni, l-kera ta' dan l-uffiċċju ser terġa' tiġi estiża għas-sena 2017 fejn il-prezz mitlub mis-sid huwa dak ta' €16,387.49 (VAT inkluża) għal perjodu ta' sena.

77.6.5 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li l-kors tal-*First Aid* lil impjegat/a minn kull Kunsill Lokali taħt dan ir-Reġjun ser isir il-Ħamis 5 ta' Jannar 2017 u l-Ġimgħa 6 ta' Jannar 2017 mid-9am sas-1pm fl-uffiċċini tal-A.M.E. Health and Safety Services Ltd, is-Swatar.

77.7.6 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda proposta mressaq mis-Sur Joseph Lia dwar programm għas-sena 2017.

77.7.7 Il-membri preżenti ma laqgħux din it-talba peress li bħalissa dan ir-Reġjun m'għandu l-ebda dħul finanzjarju fil-preżent.

## 77.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

77.7.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ġibed l-attenzjoni fuq pagament numru 68 fl-iskeda tal-ħlasijiet 76A tas-Sinjura Elizabeth Vassallo. Huwa spjega kif dan iċ-ċekk qed jerġa' jitpoġġa f'din l-iskeda

għal fini ta' accounts u mhux ser ikun approvat peress li d-dokumenti meħtieġa mir-Reġjun qatt ma ġew ritornati.

77.7.2 Is-Sindku tal-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, sekondata mill-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech , ressqet mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 76A u 76B minbarra pagament numru 68 fl-iskeda 76A.

77.7.3 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 77.7 Mozzjonijiet

76.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 76.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

76.8.1 Il-laqgħa intemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 4 ta' Jannar 2017 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 4 ta' Jannar, 2017.

| | |
|---|---|
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |